Leħen il-Parroċċa

# Ħal Luqa

april 2007




Dun Karm Camilleri - **Kappillan**

Dan l-aħħar, il-Knisja f'Malta kellha esperjenza sabiħa ħafna ta' ferħ nisrani. L-ewwel esperjenza kienet il-ħatra tal-Arċisqof il-ġdid Mons. Pawlu Cremona O.P. li f'qalb il-Maltin nissel tama għax bit-tbissima tiegħu donnu irnexxielu jiġbed ħafna nies li forsi kienu anke tbiegħdu mill-Knisja. Il-ferħa l-oħra kienet it-tħabbira tad-data li fiha il-Beatu Ġorġ Preca ser ikun iddikjarat qaddis.

**Ferħ u Paċi minn Kristu Rxoxt**

Bla dubju ta' xejn il-ferħ u l-paċi tassew jiġu minn Kristu li xejjen il-mewt u d-dnub u tana ħajja ġdida Fih li qam mill-imwiet. Il-Verita' u l-Grazzja ħejjin minnu li jgħix rebbieħ fi ħdan il-Missier. Kultant meta titkellem minn paċi u ferħ f'dinja mimlija dwejjaq u tbatija, gwerer u mard, tkun qisek qiegħed tgħix f'dinja oħra. Imma din hi r-realta' tal-ħajja, din hi l-Verita', li nfittxu fi Kristu r-risposta għall-uġiegħ kollu tagħna. Ġesu' għandu l-ferħ u l-paċi tassew għaliex qam mill-imwiet.

**Hu biss jista' jfejjaqna**

Faċli wieħed jaljiena ruħu fix-xogħol u l-ġid li toffri din id-dinja, kif ukoll fit-triq tal-vizzju, imma fl-aħħar mill-aħħar jinduna li jkun qisu dak il-qabar vojt li ħalla Ġesu'.

Il-qawwa u l-kuraġġ jiġu biss Minnu għaliex Alla ħabbu u mlieħ b'dik il-grazzja li minnha nistgħu nieħdu sehem. Inqumu miegħu u ngħixu miegħu. Inwarrbu l-qerq u l-ħażen billi nsiru għaġna ġdida.

Il-Mulej ihobbok u l-ħin kollu jagħtik l-okkazzjoni biex ma tibqax marbut ma' l-imgħoddi tiegħek u biex thares 'il quddiem b'fiducja.

# Tberik 2007

**It-Tnejn 9 ta' April 2007**
***Filgħaxija:*** Misraħ il-Knisja, Misraħ Sant'Andrija, Triq id-9 ta' April, Trejqa Dun Ġ Muscat, Triq Sant Andrija.

**It-Tlieta 10 ta' April 2007**
***Filgħodu:*** Triq San Ġorġ
***Filgħaxija:*** Triq San Ġużepp

**L-Erbgħa 11 ta' April 2007**
***Filgħaxija:*** Triq Dun Pawl, Triq Seb Saliba, Misraħ iż-Żgħażagħ

**Il-Ħamis, 12 ta' April 2007**
***Filgħodu:*** Triq il-Parroċċa, Triq il-Ħabaq, Triq id-Dokkiena.
***Filgħaxija:*** Triq Santa Marija, Triq Ġużeppi Penza, Triq il-Gudja.

**Il-Ġimgħa, 13 ta' April 2007**
***Filgħodu:*** Triq San Pawl
***Filgħaxija:*** Triq Ħal-Tarxien, Triq Ġużeppi Saliba, Triq Kunsill ta' l-Ewropa.

**It-Tnejn, 16 ta' April 2007**
***Filgħaxija:*** Triq Mikelanġ Sapiano, Triq l-Arluġġar, Triq Patri Indri Schembri.

**It-Tlieta, 17 ta' April 2007**
***Filgħaxija:*** Triq Valletta, Triq San Ġakmu.

**L-Erbgħa, 18 ta' April 2007**
***Filgħaxija:*** Triq l-Aħwa Vassallo, Triq ir-Rixtellu

**Il-Ħamis, 19 ta' April 2007**
***Filgħaxija:*** Triq Anton Falzon, Hal-Saflieni.

**Il-Ġimgħa, 20 ta' April 2007**
***Filgħaxija:*** Triq Mons. Ġ Debono, Triq A Vassallo, Triq P Saliba, Triq Wied il-Knejjes.

**It-Tlieta, 23 ta' April 2007**
***Filgħaxija:*** Triq Pawlu Magri

**It-Tlieta, 24 ta' April 2007**
***Filgħaxija:*** Triq il-Karmnu u Sqaq Nru 1

**L-Erbgħa, 25 ta' April 2007**
***Filgħaxija:*** Triq Papa Innoċenz, Triq Salvu Zammit, Triq il-Karmnu Sqaq Nru.4

**Il-Ħamis, 26 ta' April 2007**
***Filgħaxija:*** Triq il-Karmnu Sqaq Nru.5, Triq Indri Micallef, Triq Patri Damjan

**Il-Ġimgħa, 27 ta' April 2007**
***Filgħaxija:*** Triq Ġ Tragance, Triq tal-Maħżnier.

**It-Tnejn, 30 ta' April 2007**
***Filgħaxija:*** Triq il-Ġdida minn 1 sa 19 u 282 sa 303, BlkA u BlkB (14)

**L-Erbgħa, 2 ta' Mejju 2007**
***Filgħaxija:*** Triq Ġ. Bonavia, Triq il-Ġdida (sa Triq Santa Marija)

**Il-Ħamis, 3 ta' Mejju 2007**
***Filgħaxija:*** Triq il-Ġdida (minn Triq Santa Marija sa Triq Sant Andrija)

**Il-Ġimgħa, 4 ta' Mejju 2007**
***Filgħaxija:*** Triq Ġużeppi Ellul

**It-Tnejn, 7 ta' Mejju 2007**
***Filgħaxija:*** Triq T. Galea, Triq Ġ Spiteri, Triq Ġ Mamo, Triq C Decandia, Triq Dun Ġ Callus

**It-Tlieta, 8 ta' Mejju 2007**
***Filgħaxija:*** Triq Dun Ġ. Micallef, Wesgħat il-Vittmi tal-Gwerra, Triq il-Mitra, Triq Ġ. Camilleri

**L-Erbgħa, 9 ta' Mejju 2007**
***Filgħaxija:*** Triq San Tumas, Triq Ġ Casha, Triq Ġ Zahra, Triq l-Iskola, Triq W Briffa, Triq Sir Ugo Mifsud.

**Il-Ħamis, 10 ta' Mejju 2007**
***Filgħaxija:*** Triq l-Apparell, Triq il-Wilġa sa kantuniera ma' Triq S. Saliba

**Ġimgħa, 11 ta' Mejju 2007**
***Filgħaxija:*** Il-kumplament ta' Triq il-Wilġa, Triq l-Ekru

**Tnejn, 14 ta' Mejju 2007**
***Filgħaxija:*** Triq il-Mitħna ta' Caraffa, Triq Ġ. Vassallo, Triq Ġ. Borġ

## Tberik Ħal Farruġ

**It-Tlieta, 15 ta' Mejju 2007**
***Flats:*** Triq Wied in-Noqor A,B,C,D,E,F

**L-Erbgħa, 16 ta' Mejju 2007**
***Djar:*** Triq L-Astun Iswed, Vjal l-Avjazzjoni, Triq il-Biedja, Triq il-Bugħadam Griż, Triq id-Daqquda Kaħla, Triq l-Egret Isfar, Triq Ħal Farruġ

**Il-Ħamis, 17 ta' Mejju 2007**
**Flats:** Blk G, H Ent A, H Ent B, I Ent A, I Ent B

**Il-Ġimgħa, 18 ta' Mejju 2007**
Triq Ħal Qormi

# Id-**Djarju** tal-Parroċċa

## april 2007

| | | |
|---|---|---|
| **Il-Ħadd** | **1** | **Ħadd il-Palm - Jum iż-Żgħażagħ**<br>Fit-8.00 a.m. Funzjoni bit-Tberik taż-Żebbuġ f'Misraħ iż-Żgħażagħ u wara jsir Korteo sal-Knisja fejn tkompli l-quddiesa |
| **It-Tnejn** | **2** | Via Sagra fil-beraħ fit-Toroq Andre Micallef, Ċensu Decandia, Ġwann Mamo u Maħżnier fis-7.00 p.m. |
| **It-Tlieta** | **3** | Ikla bir-Rit Lhudi fis-7.00 p.m. fis-Sala C fiċ-Ċentru Parrokkjali |
| **L-Erbgħa** | **4** | Via Sagra Nazzjonali organizzata mill-RTK fl-Isptar Monte Carmeli |
| **Il-Ħamis** | **5** | **Ħamis ix-Xirka**<br>Fid-9.15 a.m. Quddiesa ma' l-Arċisqof fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann, il-Belt, li fiha jsiru t-Tberik taż-Żjut Imqaddsa u t-Tiġdid tal-Wegħdiet Saċerdotali<br>Fis-6.30 p.m. Quddiesa konċelebrata li fiha jitfakkar it-twaqqif tas-Sagrament ta' l-Ewkaristija<br>Fit-8.30 p.m. Adorazzjoni animata mill-Moviment Fokolari<br>Fid-9.30 p.m. Adorazzjoni animata miż-Żgħażagħ tal-L.Y.C.<br>Fil-11.00 p.m. Adorazzjoni animata mill-Grupp tal-Koppji |
| **Il-Ġimgħa** | **6** | **Il-Ġimgħa l-Kbira**<br>Fis-6.30 a.m. Adorazzjoni animata mis-Sorijiet Franġiskani<br>Fit-8.30 a.m. Adorazzjoni animata mill-membri tal-MUSEUM<br>Fit-3.00 p.m. Funzjoni tal-Passjoni tal-Mulej<br>Fil-5.30 p.m. Tibda ħierġa l-Purċissjoni |
| **Is-Sibt** | **7** | **Sibt il-Għid**<br>Fit-8.00 p.m. Funzjoni tal-Vġili tal-Għid bil-Magħmudija |
| **Il-Ħadd** | **8** | **L-Għid il-Kbir**<br>Fit-8.00 a.m. Quddiesa bis-sehem tal-Kor tat-tfal. Wara jsir it-Tberik tal-figolli fuq iz-zuntier |
| **L-Erbgħa** | **11** | Ħarġa San Girgor mal-Parroċċa |
| **Il-Ħadd** | **15** | **It-Tieni Ħadd ta' l-Għid - Ħadd il-Ħniena Divina**<br>Fil-5.00 p.m. Adorazzjoni<br>Fil-5.30 p.m. Quddiesa tal-Ħniena Divina |
| **Il-Ħadd** | **22** | **It-Tielet Ħadd ta' l-Għid - Jum il-Karita'** |
| **Il-Ħadd** | **29** | **Ir-Raba' Ħadd ta' l-Għid - Jum il-Vokazzjonijiet** |

Il-kant waqt il-funzjonijiet reliġjużi tal-Ġimgħa Mqaddsa jsir mill-Chorus Excelsior taħt id-dirazzjoni tas-Surmast Norbert Camilleri. Organista: Joseph Cassar

**Segwi l-avviżi u dak li jkun qed isir fil-Parroċċa permezz ta' l-Internet...**

**www.freewebs.com/knisja_parrokkjali_luqa/**

# Nagħrfu l-Liturġija 14

**Kan. Karm Zammit**

## Jum il-Mulej

Fl-ewwel jum tal-ġimgħa, il-Mulej qam mill-imwiet u deher l-ewwel lil Marjam ta' Magdala u mbagħad lil San Pietru; ma nżul ix-xemx deher liż-żewġ dixxipli li kienu sejrin Għemmaws; fl-aħħar, dak in-nhar deher lill-Appostli miġburin flimkien fiċ-Ċenaklu u tahom is-setgħa li jaħfru d-dnubiet. Tmint ijiem wara, l-Appostli kienu mill-ġdid flimkien fiċ-Ċenaklu u Ġesu' reġa' deher fosthom u wara li qal lil Tumas biex ma jkunx bniedem bla fidi, iżda jemmen, hu żied jgħidilhom: "Henjin dawk li ma rawx u emmnu".

Id-dehra tal-Mulej lill-Appostli fl-ewwel jum tal-ġimgħa u d-dehra tiegħu mill-ġdid tmint ijiem wara, kienu sinjal għall-Knisja - u dak in-nhar il-Knisja kienet



il-ġemgħa ta' l-Appostli - li l-ewwel jum tal-ġimgħa kellu jibda jkun il-jum tal-laqgħa tagħha mal-Mulej. Ġesu' tahom ukoll x'jifhmu meta wriehom il-marki ta' l-imsiemer f'idejh u f'saqajh u l-ferita ta' ġenbu li s-Salib kellu jkun fiċ-ċentru tal-laqgħa tagħhom u din il-laqgħa kellha dejjem tkun ta' nies li jemmnu.

Il-Knisja għalhekk, sa mill-bidu dejjem qieset l-ewwel jum tal-ġimgħa bħala l-jum li fih tiltaqa' mas-Sid u l-Imgħallem tagħha u tfakkar id-dehra tiegħu u ġġeddidha tul iż-żminijiet. Dan iwettquh Missirijiet il-Knisja bil-kitba tagħhom. Missirijiet il-Knisja aktar milli fuq l-ewwel jum tal-ġimgħa, jitkellmu fuq it-tmien jum, għaliex kienu jqisu dan il-jum bħala s-simbolu taż-żmien li għad irid jiġi, il-jum li hu Kristu stess. Din hi r-raġuni għaliex sa mill-bidunett, l-insara l-ewwel jum tal-ġimgħa bdew isejħulu Jum il-Mulej.

Referenza: X'Inhi l-Liturġija. G. Lupi

## Grupp Volontiera Ġimgħa l-Kbira - Luqa





**Wirja ta' lbies li jintuża waqt il-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira fil-Kappella Santa Marija tal-Ftajjar - Triq il-Karmnu**

**Ħinijiet:**

**Il-Ħadd: mill-10.00 a.m. sa 12.00 p.m. u mis-6.00 p.m. sal-11.00 p.m.**
**Matul il-Ġimgħa: mis-6.00 p.m. sal-11.00 p.m.**
**Ħamis ix-Xirka: mill-10.00 a.m. sa 12.00 p.m. u mis-6.00 p.m. sal-11.00 p.m.**
**Il-Ġimgħa l-Kbira: mill-10.00 a.m. sa 12.00 p.m.**

**Daħlu fil-Ħajja ta' Dejjem**

Leonard Sacco
Giuliano Borg
Luigi Mifsud

*Nadurawk O Ġesu'...*

*Għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna*